

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ottubru 2009

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat tal-Iżrael dwar miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproċi fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u ta' prodotti tal-ħut, is-sostituzzjoni tal-Protokoll 1 u 2 u l-Anness tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra

(2009/855/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikoli 14 u 15 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2000, jiddikjara li l-Komunità u l-Iżrael għandhom jimplimentaw progressivament aktar liberalizzazzjoni fil-kummerċ reċiproku tagħhom fir-rigward ta' prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd. L-Artikolu 9(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà għal aktar konċessjonijiet tariffarji reċiproċi fir-rigward ta' prodotti agrikoli pproċessati li huma elenkati fl-Annessi II sa VI ta' dak il-Ftehim.

(2) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael fil-11 ta' April 2005 adotta Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li jinkludi dispożizzjoni speċifika għal aktar liberalizzazzjoni fil-kummerċ ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut.

(3) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fl-14 ta' Novembru 2005 biex tmexxi negozjati fi ħdan il-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, biex tinkiseb liberalizzazzjoni akbar fil-kummerċ reċiproku ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut.

(4) Fit-18 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati, f'isem il-Komunità, dwar Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bil-ħsieb li jiġi emendat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

(5) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ⁽²⁾.

(6) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi approvat,

⁽¹⁾ ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

B'dan huwa approvat, fisem il-Komunità, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Itri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat tal-Iżrael dwar miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproċi fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u ta' prodotti tal-ħut, li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u partikolarment jissostitwixxi l-Protokoll 1 u 2 ta' dak il-Ftehim, kif ukoll l-Annessi tagħhom.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Itri huwa mehmuż ma' din id-Deċizzjoni.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri implimentattivi meħtieġa għall-Protokoll 1 u 2 skont id-Deċizzjoni 1999/468/KE.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna mill-Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli stabbilit bl-Artikolu 195 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, mill-Kumitat tat-Tmexxija tal-Prodotti tas-Sajd kif stabbilit bl-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ⁽²⁾, jew mill-Kumitat tat-Tmexxija dwar kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ ta' Prodotti Agrikoli Pproċessati li mhumix elenkati fl-Anness 1 għat-Trattat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/1993 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli ⁽³⁾ jew, fejn ikun il-każ, mill-kumitati stabbiliti bid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' Regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq jew mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 248a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽⁴⁾.

Artikolu 3

Fejn il-Komunità tkun teħtieġ tieħu miżura ta' salvagwardja fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ħut u prodotti tal-ħut, kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dik il-miżura għandha tiġi adottata skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 159(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, jew fl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2008. Fil-każ ta' prodotti agrikoli pproċessati, miżuri bħal dawn għandhom, sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti bid-dispożizzjoni rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jiġu adottati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni ta' kummerċ għall-ovalbumin u l-lactalbumin ⁽⁵⁾, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1667/2007 tas-7 ta' Novembru 2006 dwar il-glukosju u l-lattosju ⁽⁶⁾.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità.

Artikolu 5

Din id-Deċizzjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
A. BORG

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104.

⁽⁶⁾ ĠU L 312, 11.11.2006, p. 1. (Ħaġġa Speċjali bil-Malti ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 520).